TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 543/10

**<u>Luċija Spagnol Bonnici</u>**

**<u>vs</u>**

**<u>Homezone u Phoenix Domestic Appliance</u>**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Jannar, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħames mija u tnejn u sebgħin ewro, u sebgħa w erbgħin ċenteżmi (€572.47), rappreżentanti prezz ta' magna tal-ħasil li kellha diversi ħsarat u li għalhekk ma sabithiex tajba.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat magna tal-ħasil u kellha diversi ħsarat u għalhekk ma riditx aktar din il-magna minkejja li kellha ħames snin garanzija.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-ħsarat dejjem irranġawhom u li għalhekk ma kienx hemm problemi, waqt li rigward il-*bearings*, dawn huma riżultat ta' *wear and tear.*

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra illi l-ħsarat ittranġaw u l-*bearings* huma riżultat ta' *wear and tear*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**